MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 133/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Carmen Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Frar, 2008, ghall-habta ta' 18.00 hrs, f'dawn il-Gzejjer, kisret il-kundizzjonijiet tad-digriet nru. 213/07 mahrug mill-Imhallef Onor. Dr. J. Azzopardi tal-Qorti Civili, billi naqset milli taghti lil Joseph Hersey l-access tat-tifla taghhom Lara Hersey.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 338*(ll)* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja izda lliberataha bil-kundizzjoni li ma

tikkommettix reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontriha, w b'hekk l-appellanti tigi ddikjarata hielsa minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji kollha tal-appellanti;

Rat in-nota tal-appellanti li biha rtirat l-appell dwar il-htija w zammitu ferm dwar il-piena.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w il-parte civile rrimettew ruhhom u ddikjaraw li ma jinsistux li jibqa' jsehh il-provvediment taht il-Kap. 446 izda jkunu sodisfatti jekk dan jinbidel f'kundanna ta' ammonizzjoni w reprenzjoni.

In vista tal-fatt li rrelazzjonijiet bejn il-genituri tat-tifla issa jidhru li hadu zvolta ghall-ahjar u m'ghadhomx jigu ripetuti incidenti dwar l-access, din il-Qorti tara li, fl-interess tal-istess minuri li zgur ser issofri jekk ir-relazzjonijiet bejn il-genituri taghha jergghu jiddeterjoraw , hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha, w tirrevokaha in kwantu lliberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446, u minflok, tikkundannaha ghall-ammonizzjoni w reprenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------